# LI TEMMEN HIJA OPRA

George Ebejer

Ħafna minn dawk li jsejħu lilhom infushom "Kristjani" jistgħu jiddiskutu sewwasew fuq kull suġġett—barra mill-magħmudija. Il-magħmudija tista' ddawwar konverżazzjoni sempliċi tal-Bibbja f'argument sħun ħafna. Xi wħud minn dawk li jsejħu lilhom infushom "Kristjani" jgħidu li l-magħmudija hija *opra*. Huma jkomplu biex igħidu li l-magħmudija ma ssalvax, imma hija dehra ta' barra ta' bidla li diġa' saret fuq ġewwa. Imma meta jiena nistaqsi biex inkun muri l-Iskrittura li tappoġġja din id-dottrina, inkun mogħti aktar opinjonijiet. Ħadd minn dawk li jgħallmu dak it-tagħlim żbaljat qatt ma pprovda l-ktieb, kapitlu, u vers biex jap-poġġjaw dik il-pożizzjoni.

Il-Bibbja tgħid b'mod l-aktar ċar li l-magħmudija ssalva permezz tal-qawmien ta' Ġesù Kristu. Isma' x'jgħid l-appostlu Pietru b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu dwar dan:

> "*Għax Kristu wkoll miet darba għal dejjem minħabba d-dnubiet; hu li kien ġust, miet għal l-inġusti biex iressaqhom lejn Alla; kien mogħti l-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fl-Ispirtu, li bih mar ixandar is-salvazzjoni lil l-erwieħ li kienu mgħaluqa fil-ħabs. Dawn kienu l-erwieħ ta' dawk li darba ma ridux jisimgħu, meta Alla qagħad jistenna bis-sabar fiż-żmien li Noè kien jibni l-arka. Ftit, jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa ta' l-ilma. Dan l-ilma kien ifisser il-* ***magħmudija****, li* ***issa ssalva lilkom ukoll****. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu.*" (1 Pietru 3:18-21; enfasi tiegħi).

X'jgħidilna Pietru li hi l-magħmudija hawn? Jgħidilna hu li hija "opra"? Le! Mela x'inhi? Isma' t-tweġiba ispirata:

> "***hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja*** *bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu*" (1 Pietru 3:21; enfasi tiegħi).

Pietru ma jgħidx li "hi **opra** ħierġa minn kuxjenza safja…" imma li "hi **talba**…" Lil min int sejjer temmen, lil Pietru li kien ispirat mill-Ispirtu s-Santu jew lil għalliema moderni?

Ġesù Nnifsu jikkmandana biex inkunu mgħammdin. Isma' l-kmand Tiegħu:

> "*Morru, mela, agħmlu dixxipli mil-ġnus kollha, u* ***għammduhom*** *fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19).
>
> "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u* ***jitgħammed****, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:15, 16; enfasi tiegħi).

Fil-Pentekoste, il-jum li fih il-knisja bdiet, dawk li aċċettaw il-messaġġ intqal lilhom biex jindmu u jitgħammdu. Isma' x'qalulhom l-appostli:

> "*U Pietru weġibhom: 'Indmu, u* ***jitgħammed*** *kull wieħd minnkom fl-Isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19; enfasi tiegħi).

Issa ħalli aħna nagħtu daqqa t'għajn lejn dak li huwa msejjaħ opra minn Ġesù.

## L-"OPRA" TAL-FIDI

Fl-ittra tiegħu lir-Rumani, l-appostlu Pawlu ddikjara b'mod qawwi:

> "*Għax il-ħlas tad-dnub hi l-mewt; iżda d-don b'xejn ta' Alla hi l-ħajja ta' dejjem f'Ġesù Kristu Sidna.*" (Rumani 6:23).

L-espressjoni "don b'xejn" (li fil-Bibbji Maltin kollha l-kelma "b'xejn" hija mħollija barra) tittraduċi kelma waħda Griega, *charisma*. Dan it-terminu huwa relatat għall-kelma oriġinali li spiss hija mfissra "grazzja" (*charis*). Din għalhekk turi don (rigal) mogħti strettament minn favur; mhuwiex mistħoqq. Hawn it-terminu hu mqiegħed f'kuntrast għall-"ħlas" (*opsonion*), li jirrappreżenta ħlas mistħoqq għal servizzi magħmula.

Xi kultant hu ssoponut, minn nies b'fehmiet tajba imma żbaljati, li billi s-salvazzjoni hija "don" mhux mistħoqq, ma hemm *assolutament xejn* li jista' jsir sabiex tikseb il-maħfra tad-dnubiet. Dak huwa 'l bogħod ħafna mill-verità. Ġesù Nnifsu darba qal,

> "*Mhux kull min igħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li* ***jagħmel*** *ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 7:21; enfasi tiegħi).

Il-maħfra hija kondizzjonali:

> "*…**Indmu, u** kull wieħed minnkom **jitgħammed** f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet, u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38; enfasi tiegħi).

Mingħajr "indiema" U "magħmudija" *ma hemmx* maħfra tad-dnubiet!

Qatt kont taf int illi **li temmen huwa opra**? Iva, li temmen huwa **opra**. Mhux għaliex ngħidu jien, imma għaliex il-Kelma ta' Alla hekk tgħid. U jiena nista' nagħtik il-ktieb, kapitlu u l-vers. ġesù jgħid ċar ħafna illi li temmen huwa opra jew għemil.

Hemm passaġġ ta' min josservah fil-Vanġelu ta' Ġwanni li juri b'mod ta' l-għaġeb li don (rigal) jista' jkun offrut, u madankollu, kondizzjonijiet jistgħu jkunu mponuti bħala ħtieġa għall-ilqugħ ta' dak id-don. Ġesù darba ta' struzzjoni:

> "*La **taħdmux** għall-ikel li jintemm, imma [**aħdmu****] għal dak l-ikel li jdum għall-ħajja ta' dejjem, li **jagħtikom** Bin il-bniedem…*" (Ġwanni 6:27; enfasi tiegħi).

Għalkemm il-ħajja ta' dejjem hija murija bħala "don" (rigal), il-Mulej enfasizza li hemm xogħol (ubbidjenza) li għandu jsir (fuq in-naħa tal-bniedem) sabiex jirċievi dak id-don jew rigal. Aħdmu – jagħtikom – don. "*Don*" *ma jeskludiex ir-rispons tal-bniedem*. Id-dixxipli ovvjament fehmu l-importanza tal-messaġġ tal-Mulej, għaliex huma staqsew:

> "*X'għandna nagħmlu, biex **naħdmu l-opri** ta' Alla?*" (Ġwanni 6:28; enfasi tiegħi).

("l-opri ta' Alla" *huma dawk* li Alla ippreskriva għalina biex nagħmlu). Kristu wieġeb:

> "*Din hi **l-opra** ta' Alla* [jiġifieri, minn Alla – ġenittiv tas-sors], *illi temmnu f'min bagħat*" (Ġwanni 6:29).

Sorpriż? Issa jiddependi minnek. Is-salvazzjoni hija qrib, Sempliċiment obdi l-Kelma ta' Alla—ktieb, kapitlu, u vers. Aħna salvi bil-grazzja, imma aħna għandna **naħdmu l-opri** ta' Alla li Hu ħoloq għalina biex nagħmlu minn qabel:

* Il-verb hu mifhum fit-tieni klawsola.

> "*Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar. Aħna ħol-*

> *qien tiegħu, maħluqa fi Kristu* ***biex nagħmlu l-opri tajba li Alla hejjielna minn qabel li għandna nagħmlu***" (Efesin 2:8-10; enfasi tiegħi).

Huwa, mela, importanti ħafna li tosserva illi wkoll li temmen huwa "opra" li għandha tkun *magħmula* minn dawk li jaspiraw għas-Smewwiet (għall-Ġenna). Għalhekk xi ħadd igħallem li persuna ssalva bil-fidi biss huwa għalkollox żbaljat.

Jekk egħmejjel jew opri jinsabu mhux kompluti f'għajnejn Alla, isimna jkunu mħassrin mill-Ktieb tal-Ħajja (Rivelazzjon 3:1-6).

Il-Bibbja hija l-ittra ta' mħabba ta' Alla għalina għat-triq tas-salvazzjoni. L-opinjonijiet dottrinali tagħna m'għandhomx jikkontradixxu xi parti mill-Bibbja imma għandhom jaħdmu f'armonija magħha kollha. Aħ-na għandna nkunu kapaċi li nippruvaw kull waħda mit-twemmin tagħna permezz ta' l-Iskrittura minflok ma niddependu biss fuq l-opinjonijiet tagħna. Jekk Ġesù qal xi ħaġa, aħna għandna nemmnuha mingħajr ebda dubju ta' xejn għaliex qalha Hu. Li nemmnu hija xi ħaġa li aħna għandna **nagħmlu**. Li nemmnu hija **opra**. Il-ħajja eterna tiegħek tiddependi fuqha. F'Mark 16:16, jintqal lilna biex *nemmnu* ***u*** *nitgħammdu* u aħna nkunu salvi. Jekk Ġesù qal dan, emmnu!

Tinsiex, mela li:

> "*Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin.*" (Atti 5:29).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:


Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: **info@churchofchristmalta.com**

jew: **www.churchofchristmalta.com**